# DAĦLA

*Ta'* EMANUELE ATTARD

Il-ktieb infetaħ —
Il-kwadri tal-ħajja mgħoddija
Qegħdin jinħarqu;
Tiela' d-duħħan 'il fuq ġo ħbub għajnejja
Jgħamini bil-mod......
Għax xrobt l-imrar il-lum
Il-ferħ tal-bieraħ tliftu......

Passjoni mrażżna,
Milquta mit-taqlib ta' dil-ħajja
B'elf mezz għall-ħażen......
U l-moħħ imtaqqal bil-ħsieb setgħan:
L-għerf jiġġarraf —
Imċaħħad mill-ġuf li xtaqt 'l uliedi jgħixu fih,
Issawwar ġo din ruħi
Id-dell ta' bniedem ħati,
F'dinja marida b'marda bla fejqan!......

L-arloġġ idur — idur
U ż-żmien għaddej
U jien indur mar-riħ;
Naqa' mitluf ġox-xagħri —
Waħdi — Waħdi.
Xi jfisser?
Xi jfisser?
Hi forsi din dik l-ewwel telfa
Tal-ħsieb setgħan?!

Għajjien, in-nifs maqtugħ,
Maħkum minn setta spirti
Tħawwadt, tħawwadt!......
U ruħi għajtet
"Fejn huwa l-kenn?"
U n-nervi xegħlu setgħana
F'kobor il-ħsieb misjuqa lejn il-bidu ta' ġenn!
......U hekk is-sliem?
— Mhu xejn
Għad fadal wisq —
Dan bidu — għad fadal għat-tmiem!

4 ta' Awissu, 1966.



# REĊENSJONIJIET

**"INSTITUTE OF PUBLIC ADMINISTRATION" — L-AMMINI-STRAZZJONI PUBBLIKA F'PAJJIŻNA,** Dipartiment tal-Informazzjoni, Malta, 1968, (pp. 78).

Is-Sinjuri Ch. Buttigieg, Ch. Camilleri, L. Debono, W. Ph. Gulia, J. Scicluna, E. Spiteri, R. Stivala, A. Tabone, E. Vella, C. Libreri, C.J. Mallia, Ch. Mifsud, J. Sammut — ilkoll Membri tal-*Institute of Public Administration* Malti u Uffiċjali għolja fis-servizz governattiv Malti — hejjew għadd ta' studji u wara li xandruhom minn fuq ir-Rediffusion is-sena l-oħra bejn Jannar u Marzu, illum jidhru miġbura f'ġabra bl-isem ta' L-AMMINISTRAZZJONI PUBBLIKA F'PAJJIŻNA.

Kull pajjiż ċivilizzat jeħtieġlu jkollu soċjetà mfassla fuq liġijiet li jwieżnu l-jeddijiet u d-dmirijiet bejn bniedem u ieħor. Billi jkollok il-liġijiet biss ma tagħmel xejn. Trid toħloq gvern li jagħraf dawk il-liġijiet jagħmilhom is-sies tal-ħajja ta' kuljum. Dawk in-nies li flimkien jagħmlu l-gvern huma wara kollox il-mera tar-rieda tal-poplu nnifsu fi stat demokratiku. Fi stat bħal dan jkollok il-partiti politiċi u jekk in-nies tal-gvern ma jagħrfux jaqdu sewwa x-xogħol tagħhom, u daqqa jmilu naħa u daqqa jmilu oħra, jew daqqa jaħsbuha hekk u daqqa jaħsbuha ieħor, sa jinqalagħlek ix-xkiel. Għalhekk, waqt li n-nies tal-gvern jagħmlu r-rieda tal-Gvern li jkun fil-ħakma, huma jeħteġilhom ikollhom fis-servizz tagħhom dawk il-kwalitajiet tajba bħala sistema amministrattiva.

Illum li Malta għadha ħierġa mill-fosdqa ta' Kolonja u qiegħda tibda tmidd riġlejha bħala Stat politikament ħieles bi gvern demokratiku, il-gvern jeħtieġlu jkun mibni fuq is-sħiħ. Ma nistgħux nibqgħu nagħlqu għajnejna għal nuqqas li dari kien aktar imxerred mil-lum, jiġifieri li l-poplu ma jifhimx sewwa kif inhu ggvernat u għalih kollox u kulħadd fuqu hu *l-gvern*: jwaħħal kollox fih waqt li jistenna kollox minn għandu. Meta jiġri dan ma għandniex għajr dittatur burokratiku. Ladarba l-poplu għandu l-jedd għall-Vot u f'idejh il-għażla tal-Gvern, aktar ma l-poplu jkun mgħallem, aktar jista' jagħżel bil-għaqal. Kotra mgħallma, kotra għaqlija. Għalhekk ta' min jifhem sewwa l-ħsieb u jfaħħar il-għemil ta' għadd ta' Uffiċjali għolja impjegati mal-Gvern Malti li minn jeddhom jidħlu sabiex jaqdu ta' Edukaturi. Huma jifhmu li s-servizz governattiv hu xogħol ta' reqqa u jitlob il-ħila min-nies tiegħu. Jixtiequ li l-Malti jsib ktieb fuqiex jista' jsib dak it-tagħrif meħtieġ dwar min hu u kif jaħdem il-gvern, għax b'hekk biss il-poplu jista' qabel ma jmaqdar jew jfaħħar, jagħraf il-poplu jagħti l-għajnuna tiegħu sabiex l-Istat jimxi 'l quddiem.

Dal-ktieb jiġbor fih kitba ta' xejra teknika. B'danakollu l-awturi qagħdu b'għajnejhom miftuħa jiktbu biex jifhimhom kulħadd. Dan mhix ħaġa ħafifa, iżda tista' tgħid irnexxielhom, xi wħud aktar minn oħrajn. N'firħulhom għax-xogħol li għamlu, aktar u aktar għax għarfu juru li l-Malti jista' jaqdik għal kitba teknika... sakemm jkollok ir-rieda tajba. Meta twaħħalha f'rasek tgħaddi lil ħaddieħor dak it-tagħlim li jirnexxilek tikseb, turi jekk tabilħaqq fhimtx sewwa dak li tgħallimt jekk tagħraf tagħġen dak it-tagħlim ma' ħsiebek u tagħraf tfiehem ruħek mingħajr tidwir ta' kliem. Għalhekk dal-ktieb qeda ta' għarbiel lill-Awturi ta' l-istudji li fih. Ma għandniex xi ngħidu, tinħass ħafna t-tifsila tal-bini tas-sentenza Ingliża, billi aktarx il-kotba li minnhom xorbu l-għajn tax-xjenza tal-amministrazzjoni huma bl-Ingliż. Setgħu l-awturi ħafna drabi qagħdu